

**Linji Gwida dwar l-applikazzjoni ta'  
arranġamenti ta' riassicurazzjoni  
endogena għas-submodulu tar-riskju ta'  
sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja**

## Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem "Ir-Regolament EIOPA" 6)<sup>1</sup>, l-Artikolu 105(2) tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)<sup>2</sup>, l-Artikolu 119 sal-Artikolu 135, l-Artikolu 209 u l-Artikolu 214 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-EIOPA qed toħroġ Linji Gwida dwar is-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja<sup>3</sup>.
- 1.2. B'mod partikolari, dawn il-Linji Gwida huma maħsubin sabiex jiżguraw applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tas-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja, inkluż it-trattament tal-arranġamenti ta' riassigurazzjoni passiva tal-impriżi.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji taħt is-Solvibbiltà II.
- 1.4. Il-Linji Gwida preżenti jirreferu għall-"flowchart tar-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja" li tirrappreżenta s-submoduli differenti li jsawru s-submodulu tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja tal-formula standard tar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza, skont il-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- 1.5. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppati d-definizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) "Telf gross" tfisser:
    - i. Għall-mitigazzjoni tar-riskju li tiġi applikata f'submodulu li ma għandu ebda dipendenza fuq submoduli oħrajn, it-telf ikkalkolat skont il-formula f'dan is-submodulu;
    - ii. Għall-mitigazzjoni tar-riskju li tiġi applikata f'submodulu li għandu dipendenza fuq submodulu ieħor jew submoduli oħrajn, it-telf ikkalkolat skont il-formula f'dan is-submodulu imma bl-użu, bħala inputs għall-formula, tar-riżultati minn kull submodulu netti mill-mitigazzjoni tar-riskju applikata (jekk ikun hemm) fis-submoduli li minnhom dan is-submodulu jiddependi.
  - (b) "Avveniment katastrofiku aggregat" tfisser avveniment katastrofiku li jakkumula u jaffettwa grupp ta' poloz flimkien. L-impatti tal-poloż separati ma jistgħux jiġu identifikati faċilment.
  - (c) "Event ta' riskju ta' katastrofi" tfisser avveniment li jaffettwa poloz li jistgħu jiġu identifikati b'mod speċifiku jew polza waħda.
  - (d) Avveniment gross: speċifikazzjoni tal-avveniment bir-riżoluzzjoni rikjesta sabiex ikun jista' jiġi applikat il-programm ta' riassigurazzjoni passiva. Dan huwa t-terminu applikat għat-telf gross wara d-diżaggregazzjoni.

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

<sup>3</sup> ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1-797

- (e) Fergħat tas-submodulu ta' katastrofi: fergħat ta' wieħed mill-erba' submoduli ewlenin tar-riskju ta' katastrofi mhux tal-ħajja deskritti fl-Artikolu 119 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni.
- (f) Riassigurazzjoni passiva/protezzjonijiet tar-riassigurazzjoni passiva: arranġamenti tar-riassigurazzjoni fejn impriża ċċedi r-riskju lil riassigurator.
- (g) Premium eżoġenu ta' rikostituzzjoni: kwalunkwe primjum ta' rikostituzzjoni li jista' jkun pagabbli lil impriża.
- (h) Riassigurazzjoni ta' koinċidenza: kuntratt ta' riassigurazzjoni ta' obligazzjoni ta' eċċess għal telf marbut ma' żewġ koperturi jew poloz jew iktar, maħruġ mill-impriża li se tkun involuta f'telf biex kopertura tkun tapplika. L-"attachment point" tal-kuntratt ta' riassigurazzjoni ġeneralment ikun oġġla mil-limiti ta' polza minnhom.
- (i) Avveniment katastrofiku ta' darba f'200 sena: avveniment katastrofiku li jikkorrispondi għal miżura ta' Valur mar-Riskju b'livell ta' fiduċja ta' 99.5% kif iddefinit fl-Artikolu 104 (4) tas-Solvibilità II.
- (j) Komponent: unità ta' kalkolu li tagħmel parti mis-submodulu ta' katastrofi mhux tal-ħajja li għaliha jista' jiġi ddeterminat Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza (SCR). Dan jista' jkun fil-livell tas-submodulu jew fi granularità aktar baxxa eż. reġjun jew reġjuni taż-ŻEE / mhux taż-ŻEE għall-perikli ta' katastrofi naturali.

1.6. Jekk mhumiex iddefiniti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira ddefinita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.7. Il-Linja Gwida għandha tapplika mill-1 ta' April 2015.

### **Taqsimi I: Ordni tal-operat tal-Linji Gwida**

#### **Linja Gwida 1 – Ordni tal-operat tal-Linji Gwida**

1.8. L-impriża għandhom japplikaw it-taqsimiet ta' dawn il-Linji Gwida wara xulxin sabiex jivvalutaw ir-riassigurazzjoni passiva tagħhom fir-rigward tar-riskju ta' katastrofi.

### **Taqsimi II: Speċifikazzjoni tal-avvenimenti**

#### **Linja Gwida 2 – Livell ta' dettall meħtieġ sabiex jiġi speċifikat l-avveniment katastrofiku**

1.9. Abbażi tal-Artikoli 119 sa 135, l-impriża għandhom jispeċifikaw avvenimenti katastrofiċi adattati ta' darba f'200 sena b'mod dettaljat biżżejjed sabiex ikunu jistgħu japplikaw it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju.

#### **Linja Gwida 3 – Speċifikazzjoni ta' katastrofijiet bħala avvenimenti katastrofiċi aggregati jew avvenimenti ta' riskju ta' katastrofi**

1.10. L-impriża għandhom jispeċifikaw it-telf iddefinit fid-diversi submoduli tar-riskju ta' katastrofi jew bħala "avvenimenti katastrofiċi aggregati" jew bħala

“avvenimenti ta’ riskju ta’ katastrofi” f’liema każ l-impriżi għandhom ukoll jispeċifikaw jekk dawn l-avvenimenti humiex jaffettwaw politiki speċifiċi magħrufa jew le.

- 1.11. Għal kull submodulu tar-riskju ta’ katastrofi mhux tal-ħajja, l-impriżi għandhom jispeċifikaw it-tip ta’ avveniment kif ġej:
- (a) Is-submoduli ta’ terremoti, irwiefen, silġ, għargħar u ta’ sussidenza speċifikati bħala avveniment katastrofiku aggregat.
  - (b) Is-submodulu tar-responsabbiltà tal-vetturi speċifikat bħala avveniment ta’ riskju ta’ katastrofi li jaffettwa polza waħda.
  - (c) Is-submoduli ta’ Responsabbiltà, tal-Avjazzjoni, Marittimi u ta’ Nirien speċifikati bħala avvenimenti ta’ riskju ta’ katastrofi li jaffettwaw poloz magħrufa
  - (d) Is-submodulu ta’ kreditu u garanzija kif speċifikat mil-Linja Gwida 13 u 14.
  - (e) Is-submodulu tar-riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali kif speċifikat mil-Linja Gwida 11.

**Linja Gwida 4 – Speċifikazzjoni tan-numru ta’ avvenimenti għas-submoduli ta’ katastrofi naturali fir-rigward ta’ reġjuni taż-ŻEE**

- 1.12. L-impriżi għandhom jikkunsidraw in-numru ta’ avvenimenti ta’ telf gross ta’ reġjuni taż-ŻEE bħala avvenimenti uniċi jew doppji li jaffettwaw reġjun wieħed jew iktar, u ma jassumux li avvenimenti multipli jseħħu f’kull reġjun.

**Linja Gwida 5 – Speċifikazzjoni tan-numru ta’ avvenimenti għas-submoduli ta’ katastrofi naturali fir-rigward ta’ reġjuni mhux taż-ŻEE**

- 1.13. Għal reġjuni mhux taż-ŻEE fejn in-numru ta’ avvenimenti katastrofiċi aggregati li jiġġeneraw it-telf gross ma ġiex iddefinit, l-impriżi għandhom isegwu approċċ simili għal dak applikat taħt Linja Gwida 4, għal kull submodulu speċifiku.

**Linja Gwida 6 – Għażla tal-avveniment katastrofiku**

- 1.14. Fejn jista’ jiġi ddefinit numru ta’ avvenimenti katastrofiċi ta’ darba f’200 sena, l-impriżi għandhom jisiltu avvenimenti li jkunu konsistenti mal-profil tar-riskju tagħhom u jagħżlu l-avveniment li jirriżulta fl-ogħla allokkazzjoni għal katastrofi wara l-applikazzjoni tat-tekniki ta’ mitigazzjoni tar-riskju.

**Linja Gwida 7 – Id-daqs tat-telf dovut**

- 1.15. Sabiex ikun iddeterminat id-daqs tal-pretensjonijiet individwali li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tat-telf f’fondi proprji bażiċi skont l-Artikolu 133 tal-Miżuri ta’ Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom isegwu l-proċess ta’ hawn taħt:
- (a) Fi ħdan kull grupp ta’ riskju, għandhom jiġu identifikati r-riskji  $n_i$  bl-ikbar limiti. Għal dan il-fini, “riskju” jikkonsisti fil-politiki kollha miktuba bħala parti minn programm bl-istess kopertura jew waħda affiljata mill-qrib u bl-istess detentur ta’ polza assicurata (fejn id-detentur tal-polza assicurata huwa d-detentur tal-polza tal-kuntratt tal-assigurazzjoni) li jkunu fis-seħħ fl-istess ħin.
  - (b) Il-limiti  $n_i$  li jirriżultaw għandhom jiġu mmultiplikati kull wieħed b’1,15.

- (c) Il-valuri  $n_i$  ikkalkulati  $f'(b)$ , għandhom jiġu aggregati u mnaqqsin minn  $L_{(liability, i)}$  u kwalunkwe differenza għandha tiġi allokata proporzjonalment bl-użu tal-limiti attwali tal-valuri  $n_i$ .
  - (d) Il-valuri  $n_i$  li jirriżultaw fl-aħħar għandhom jiġu kkunsidrati bħala pretensjonijiet individwali minn avveniment uniku, kull wieħed assoċjat mar-riskju li minnu ġew derivati.
- 1.16. L-impriża mbagħad għandhom ikunu kapaċi jidentifikaw għal kull waħda mill-pretensjonijiet  $n_i$  liema koperturi tar-riassigurazzjoni japplikaw, skont in-natura tar-riskju assoċjat.
- 1.17. L-impriża għandhom ikunu ppreparati li juru lill-awtorità superviżorja li x-xiri tagħhom ta' riassigurazzjonijiet passivi ma kienx materjalment influwenzat minn jekk ir-riskju kienx se jkun wieħed identifikat taħt dan il-proċess.

### **Taqsimha III: Diżaggregazzjoni tat-telf gross**

#### **Linja Gwida 8 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross lil pajjiżi individwali jew komponenti oħrajn**

- 1.18. L-impriża għandhom jużaw wieħed mill-metodi speċifikati hawn taħt sabiex jiġi diżaggregat it-telf gross lil komponenti individwali fejn l-impatt gross fuq politiki individwali ma jkunx ġie identifikat sabiex il-protezzjonijiet tar-riassigurazzjoni passiva jkunu jistgħu jiġu applikati:
- (a) Il-metodu Max: It-telf gross jiġi allokat lill-komponent li jkun l-ikbar kontributor għall-prediversifikazzjoni tat-telf gross.
  - (b) Il-metodu Spread: It-telf gross jiġi mifrux fuq il-komponenti rilevanti b'mod proporzjonat għall-kontribut tagħhom għall-prediversifikazzjoni tat-telf gross; inkella jista' jiġi adottat approċċ li juża matriċi ta' korrelazzjoni sabiex jiġi kondiviż it-telf, simili għal dak propost għall-allokkazzjoni tal-SCR lil Linji tan-Negożju.
  - (c) Il-metodu Blend: Dan il-metodu jagħżel il-massimu (abbażi tal-ikbar allokkazzjoni kapitali netta) tal-metodi Max u Spread ta' hawn fuq.

#### **Linja Gwida 9 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross għas-submoduli ta' katastrofi Naturali b'rabta ma' xenarji taż-ŻEE**

- 1.19. L-impriża għandhom jużaw il-metodi definiti hawn taħt għad-diżaggregazzjoni tat-telf gross għas-submoduli ta' katastrofi naturali, b'rabta ma' xenarji taż-ŻEE.
- 1.20. Għad-diżaggregazzjoni tat-telf gross lil reġjuni, l-impriża għandhom jużaw il-metodu Blend għas-submoduli tar-riskju tal-irwiefen u l-għargħar u l-metodu Max għad-diżaggregazzjoni tas-submoduli tar-riskju tat-terremoti u tas-silġ.
- 1.21. Għad-diżaggregazzjoni tat-telf gross lil unitajiet tan-negożju, kumpaniji u linji tan-negożju, l-impriża għandhom jużaw il-metodu Spread.
- 1.22. Jekk l-impriża jkollha profil tar-riskju tali li l-metodu speċifikat hawn fuq ma jkunx xieraq, l-impriża għandha tagħżel approċċ aktar adattat u tiġġustifikah lis-superviżur.

### **Linja Gwida 10 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross għal Katastrofijiet Naturali għal reġjuni mhux taż-ŻEE**

- 1.23. Għar-reġjuni mhux taż-ŻEE, l-impriża għandhom japplikaw metodi li jkunu konsistenti mal-metodi applikati għal perikli taż-ŻEE fil-Linja Gwida 9 sabiex jallokaw it-telf gross.
- 1.24. Jekk l-impriża jkollha profil tar-riskju tali li dan l-approċċ ma jkunx xieraq, l-impriża għandha tagħżel approċċ aktar adattat u tiġġustifikah lis-superviżur.

### **Linja Gwida 11 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross għal Katastrofijiet Naturali għal Proprjetà mhux Proporzjonali**

- 1.25. L-impriża għandhom japplikaw il-metodu Max għas-submodulu tar-riassigurazzjoni tal-proprjetà mhux proporzjonali sabiex jallokaw it-telf lil reġjun. L-impriża għandhom imbagħad jistmaw l-iskopertura għall-ikbar periklu f'dan ir-reġjun u n-numru ta' avvenimenti speċifikati bħal fl-avvenimenti katastrofiċi aggregati rilevanti li japplikaw għall-kuntratti sottostanti. Fejn jiġu definiti żewġ avvenimenti katastrofiċi aggregati, dan għandu jimplika li ż-żewġ avvenimenti jseħħu fi ħdan l-istess reġjun.
- 1.26. Jekk l-impriża jkollha profil tar-riskju tali li dan l-approċċ ma jkunx xieraq, l-impriża għandha tagħżel approċċ aktar adattat. Dan l-approċċ għandu jkun iġġustifikat lis-superviżur.

### **Linja Gwida 12 – Speċifikazzjoni tat-telf gross għal submoduli magħmulin mill-bniedem: riskji tal-vetturi, marittimi, tal-avjazzjoni, ta' nirien u ta' responsabbiltà.**

- 1.27. L-impriża għandhom jidentifikaw il-politiki partikolari milquta mill-avveniment ta' riskju ta' responsabbiltà gross billi japplikaw il-Linji Gwida 34 sa 39. Għax-xenarji marittimi, tal-avjazzjoni u ta' nirien l-impriża għandha tidentifika r-riskji gross affettwati u hekk liema riassigurazzjonijiet japplikaw (inklużi l-protezzjonijiet tal-eċċess ta' telf għal kull riskju) għall-pretensjonijiet.
- 1.28. Għar-riskju ta' responsabbiltà tal-vetturi, l-impriża għandha tassumi li l-avveniment ta' riskju ta' katastrofi speċifikat fil-Miżuri ta' Implimentazzjoni jkun ġej minn avveniment ta' telf uniku. L-impriża għandha tassumi li t-telf iseħħ fir-reġjun u/jew fl-unità tan-negozju li tiġġenera l-ikbar kontribuzzjoni għall-prediversifikazzjoni tat-telf gross.
- 1.29. Waqt l-applikazzjoni tal-protezzjonijiet speċifiċi għar-riskju, l-impriża għandha tkun kapaċi tissodisfa s-superviżur nazzjonali tagħha li x-xiri tar-riassigurazzjonijiet passivi ma kienx materjalment influwenzat minn jekk ir-riskju huwiex wieħed identifikat bħala l-avveniment gross jew kontribuzzjoni għal dan l-avveniment gross.

### **Linja Gwida 13 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross għal xenarju ta' Kreditu u garanzija – xenarju ta' xerrej kbir**

- 1.30. Huma u jiddeterminaw l-ikbar skoperturi ta' kreditu, l-impriża għandhom jikkonsidraw l-akkumulazzjonijiet ta' skopertura għal entitajiet fi ħdan grupp.

## **Linja Gwida 14 – Diżaggregazzjoni tat-telf gross għal xenarju ta' riċessjoni ta' Kreditu u garanzija**

1.31. Fejn l-impriża jkunu jeħtieġu jallokaw it-telf gross ta' riċessjoni lil territorji, industrij, tipi ta' prodotti differenti, jew b'mod iktar ġenerali lill-ambitu ta' applikabbiltà rispettiv tal-arranġament ta' riassigurazzjoni sabiex japplikaw il-protezzjonijiet ta' riassigurazzjoni tagħhom, dawn għandhom jallokaw it-telf gross prorata abbażi tal-volumi tal-primjum gross.

## **Taqsim IV: L-applikazzjoni tar-riassigurazzjoni passiva**

### **Linja Gwida 15 – L-applikabbiltà tar-riassigurazzjoni passiva**

1.32. L-impriża għandhom japplikaw kull protezzjoni ta' riassigurazzjoni passiva għal wieħed mil-livelli speċifikati hawn taħt:

- (a) żoni differenti fi ħdan fergħa ta' submodulu unika ta' reġjun uniku;
- (b) reġjuni differenti fi ħdan fergħa ta' submodulu unika;
- (c) grupp taż-ŻEE/mhux taż-ŻEE fi ħdan submodulu uniku; fergħat tas-submoduli ta' katastrofi differenti fi ħdan submodulu ta' katastrofi;
- (d) submoduli ta' katastrofi differenti eż. kif jista' jagħti l-każ għal koperturi stop-loss u aggregati fis-submoduli magħmulin mill-bniedem u ta' katastrofi naturali.

1.33. L-impriża jistgħu japplikaw ukoll koperturi speċifiċi ta' linja tan-negozju u ta' unità tan-negozju.

1.34. Fejn protezzjoni tar-riassigurazzjoni tkopri riskji oħrajn mhux maqbuda mis-submodulu tar-riskju ta' katastrofi (eż. stop-loss ta' linja tan-negozju), l-impriża għandha taħseb għal dawn ir-riskji l-oħrajn hija u tikkalkula l-benefiċċju tal-protezzjoni taħt il-modulu tar-riskju ta' katastrofi.

1.35. L-impriża għandhom japplikaw ir-riassigurazzjoni passiva b'mod konsistenti mal-Artikoli 209 sa 214 tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. L-impriża għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm għadd doppju tal-irkupri ta' riassigurazzjoni, l-Artikolu 209 il-paragrafu 1(e) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. L-impriża għandhom jiżguraw li l-irkupru totali mill-metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju li jkunu ħasbu għalih fil-kalkolu tagħhom tat-telf nett ma jkunx jaqbeż l-ammont totali possibbli taħt it-termini tal-programm tagħhom ta' trasferiment tar-riskju.

### **Linja Gwida 16 – Primiums eżoġeni ta' rikostituzzjoni**

1.36. L-impriża jistgħu jieħdu inkonsiderazzjoni r-riċevuta tal-primiums eżoġeni ta' rikostituzzjoni fejn ikun jista' jintwera lis-superviżur li dawn se jiġu skattati bl-avveniment gross speċifikat fis-submodulu ta' katastrofi.

1.37. Fil-kalkoli tagħhom tat-telf gross, l-impriża għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-iskoperturi addizzjonali għal tieni avvenimenti jew avvenimenti sussegwenti li jirriżultaw minn dan il-primium eżoġenu ta' rikostituzzjoni.

### **Linja Gwida 17 – Impatti oħrajn fuq fondi bażiċi proprji bħala riżultat tal-iskattar tal-kuntratt tar-riassigurazzjoni passiva**

1.38. L-impriżi għandhom jieħdu inkonsiderazzjoni l-primjums ta' rikostituzzjoni u flussi ta' flus addizzjonali oħrajn li jistgħu jirriżultaw mill-iskatt tal-protezzjoni tar-riassigurazzjoni passiva.

#### **Linja Gwida 18 – L-ordni tal-operat tal-protezzjonijiet tar-riassigurazzjoni**

1.39. L-impriżi għandhom japplikaw il-protezzjonijiet tar-riassigurazzjoni fl-ordni speċifikat fil-ftehimiet kuntrattwali tagħhom kif japplikaw għar-riskju sottostanti.

#### **Linja Gwida 19 – Ir-riassigurazzjoni proporzjonali**

1.40. Għal ishma tal-kwota, riassigurazzjoni żejda u kuntratti fakultattivi proporzjonali, l-impriżi għandhom jagħmlu allokazzjoni prorata tal-avveniment gross fuq dawn il-kuntratti ta' riassigurazzjoni.

1.41. Fejn il-kuntratt ta' riassigurazzjoni proporzjonali tal-impriża jkun soġġett għal "limitu tal-avveniment" jew simili, it-telf gross allokat lil dak il-kuntratt ma jistax jeċċedi tali limitu u kwalunkwe eċċess għandu jidied mill-ġdid mas-sehem "nett ritenut" tat-telf.

#### **Linja Gwida 20 – Ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għal kull riskju**

1.42. Għal eċċess ta' telf ta' riskju u kuntratti fakultattivi mhux proporzjonali, l-impriżi għandhom jużaw biss din ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali taħt il-formula standard jekk l-avveniment gross jippermetti l-identifikazzjoni tal-politiki magħrufa tal-politiki sottostanti skoperti. Linja Gwida 3 tispeċifika s-submoduli fejn dan għandu jkun il-każ.

#### **Linja Gwida 21 – Ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għal kull avveniment**

1.43. L-impriżi għandhom japplikaw biss ir-riassigurazzjoni mhux proporzjonali għal avvenimenti gross definiti jekk it-telf ikun jista' jinqasam b'mod xieraq.

1.44. L-impriża għandha toqgħod debitament attenta li tqis karatteristiċi inqas komuni tal-kuntratt bħalma huma l-franchises, u kollokamenti ta' parti jew koassigurazzjoni.

#### **Linja Gwida 22 – Kuntratti ta' nuqqas ta' indennità u r-Riskju ta' Bażi.**

1.45. L-impriżi ma għandhomx japplikaw kuntratti ta' nuqqas ta' indennità taħt il-formula standard sakemm ma jkunx jista' jintwera li l-livell tar-riskju ta' bażi mhux materjali bħala riżultat tad-definizzjoni tax-xenarju.

#### **Linja Gwida 23 – L-applikazzjoni ta' kuntratti aggregati u riassigurazzjonijiet ta' koinċidenza**

1.46. L-impriżi għandhom jikkunsidraw f'liema livell japplikaw il-kuntratti tar-riassigurazzjoni aggregata fil-kalkolu tal-SCR ta' katastrofi mhux tal-ħajja. L-għażla għandha tkun xprunata mis-sustanza tal-mekkaniżmu ta' mitigazzjoni tar-riskju u fejn ikunu mistennija rkupri ta' riassigurazzjoni kieku l-avveniment gross kellu jseħħ.

1.47. Fejn l-impriżi jkunu qed jistmaw irkupri ta' riassigurazzjoni minn kuntratti ta' koinċidenza, dawn għandhom juru lis-superviżur li l-kuntratti għandhom jirrispondu għall-avvenimenti katastrofiċi definiti fil-formula standard.



1.48. L-impriżi għandhom jiżguraw li ma jseħħ ebda għadd doppju tal-irkupri ta' riassigurazzjoni u jridu jkunu kapaċi jispjegaw u juru l-loġika tal-applikazzjoni lis-superviżur tagħhom.

#### **Linja Gwida 24 – It-trattament ta' koperturi tar-riassigurazzjoni kondiviżi**

1.49. Fejn jeżistu koperturi tar-riassigurazzjoni kondiviżi, l-impriża għandha ssegwi l-prinċipji tal-Linja Gwida 32.

#### **Linja Gwida 25 – It-trattament ta' riżultati minn livelli ta' aggregazzjoni aktar baxxi**

1.50. L-impriżi għandhom jagħmlu distinzjoni bejn l-ispejjeż tar-rikostituzzjoni u l-irkupri ta' riassigurazzjoni waqt li jkunu qegħdin jaggregaw l-SCRs madwar is-submoduli ta' katastrofi mhux tal-ħajja. Jekk ir-riassigurazzjoni f'livell partikolari ma tkunx tapplika għal dan l-ammont ikkombinat, allura jkun meħtieġ li l-ispejjeż jiġu maqsumin kif xieraq. F'dan il-każ għandu jintuża l-metodu Spread.

#### **Linja Gwida 26 – It-trattament ta' kuntratti oħrajn mhux speċifikati hawnhekk**

1.51. L-impriżi għandhom japplikaw il-prinċipji inkorporati fil-Linji Gwida ta' hawn fuq għal kuntratti ta' riassigurazzjoni u karatteristiċi oħrajn li ma ġewx maqbuda b'mod espliċitu hawnhekk.

### **Taqsim V: Riaggregazzjoni tat-telf nett**

#### **Linja Gwida 27 – Riaggregazzjoni tat-telf nett sabiex jiġi derivat l-SCR tar-riskju ta' katastrofi għall-impriża**

1.52. Fejn l-impriżi jkunu allokaw telf gross diversifikat lil livell iktar granulari (jiġifieri "l-avveniment gross") sabiex jistmaw l-irkupri tar-riassigurazzjoni tagħhom, l-impriżi għandhom jgħoddu flimkien il-komponenti netti sabiex jidderivaw l-SCR.

1.53. Fejn l-impriżi jkollhom riżultat tal-SCR minn livelli differenti tal-kalkolu, l-impriżi għandhom jikkombinaw il-komponenti netti sabiex jidderivaw l-SCR tal-katastrofi mhux tal-ħajja.

1.54. L-Anness Tekniku I jiddeskrivi kif din il-Linja Gwida għandha tiġi applikata.

### **Taqsim VI: Dokumentazzjoni u Validazzjoni**

#### **Linja Gwida 28 – Dokumentazzjoni u validazzjoni tal-avvenimenti katastrofiċi magħżula**

1.55. Għas-submodulu ta' katastrofi mhux tal-ħajja "Oħrajn", l-impriżi għandhom jispjegaw l-avvenimenti katastrofiċi magħżula lis-superviżur tagħhom fir-rapport superviżorju regolari skont l-Artikolu 309 (5) (a) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni. L-ispjegazzjoni għandha tinkludi dettalji dwar punti ta' deċiżjoni ewlenin, diskussjoni dwar alternattivi li setgħu jiġu magħżula għal dawn il-punti ta' deċiżjoni ewlenin u r-rationale tal-għażliet finali.

1.56. L-impriżi għandhom jinkludu wkoll dettalji ta' kwalunkwe sfida li tkun seħħet internament biex jiġu ppreżentati avvenimenti katastrofiċi adattati fid-dokumentazzjoni tagħhom.

### **Linja Gwida 29 – Dokumentazzjoni tal-metodoloġija ta' diżaggregazzjoni**

1.57. L-impriżi għandhom jiddokumentaw il-mekkaniżmu ta' diżaggregazzjoni li jintuża sabiex jiġi applikat il-programm ta' riassigurazzjoni għal kull submodulu. Dan għandu jinkludi r-rationale tal-approċċ magħżul, diskussjoni dwar alternattivi possibbli fejn ikun hemm metodi raġonevoli multipli disponibbli, u l-kalkoli li jkunu twettqu sabiex inkisbet id-diżaggregazzjoni.

### **Linja Gwida 30 – Dokumentazzjoni tal-proċeduri tal-innettjar u tar-riagggregazzjoni**

1.58. L-impriżi għandhom jiddokumentaw il-proċess li jintuża sabiex jiġi nnettjat l-avveniment gross. Dan jinkludi deskrizzjoni ta'

- a) il-programm ta' riassigurazzjoni tal-impriża;
- b) l-innettjar tal-kalkoli;
- c) id-dettalji tal-allokazzjoni ta' kwalunkwe rkupru lis-submoduli ta' assigurazzjoni rilevanti;
- d) id-dettalji ta' kif twettqet ir-riagggregazzjoni sabiex ġie dderivat l-SCR<sub>NICAT</sub>.

1.59. L-impriżi għandhom juru wkoll fid-dokumentazzjoni tagħhom li ma hemm ebda għadd doppju tal-irkupri tar-riassigurazzjoni assunti.

1.60. Fejn l-impriżi jkunu assumew karatteristiċi tal-primjum aġġustabbli (eż. primjums eżoġeni u endoġeni ta' rikostituzzjoni), id-dokumentazzjoni għandha tiġġustifika l-metodoloġija u l-assunzjonijiet użati biex dawn ġew idderivati.

## **Taqsim VII: Kunsiderazzjonijiet partikolari għal impriżi waħidhom li huma parti minn gruppi**

### **Linja Gwida 31 – It-trattament ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni interna**

1.61. Għal impriżi waħedhom, l-impriża għandha tittratta l-arranġamenti ta' riassigurazzjoni passiva li jistgħu jeżistu ma' impriżi ta' gruppi oħrajn ("riassigurazzjoni interna") bl-istess mod li bih kieku tittratta arranġamenti ma' partijiet terzi esterni.

### **Linja Gwida 32 – Stima tal-irkupru tar-riassigurazzjoni li jkun dovut lil impriża waħedha fir-rigward ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni ta' grupp għal avvenimenti katastrofiċi aggregati**

1.62. Hija u tistma l-irkupru tar-riassigurazzjoni dovut fuq kuntratt ta' riassigurazzjoni aggregata, (jiġifieri kuntratt li jipproteġi kontra telf aggregat akkumulat minn diversi impriżi tal-grupp), kull impriża waħedha għandha ssegwi separatament l-istadji li ġejjin:

- (a) Tiddetermina t-telf gross ta' katastrofi ta' darba f'200 sena għall-impriża waħedha;
- (b) Tiddetermina t-telf gross ta' katastrofi ta' darba f'200 sena għall-grupp;

- (c) Tistma l-irkupri tar-riassigurazzjoni fuq il-kuntratt tar-riassigurazzjoni tal-grupp;
- (d) Talloka l-irkupri tar-riassigurazzjoni skont il-ftehimiet kuntrattwali fejn ikunu jeżistu, inkella tistma l-irkupri tar-riassigurazzjoni dovuti lill-impriża waħedha bħala l-proporzjon tat-telf gross (a)/(b) immultiplikat bl-ammont stmat f'(c).

**Linja Gwida 33 – Stima tal-irkupru tar-riassigurazzjoni li jkun dovut lil impriża waħedha fir-rigward ta' kuntratt ta' riassigurazzjoni ta' grupp għal avvenimenti ta' riskju ta' katastrofi**

- 1.63. Huma u jistmaw l-irkupru tar-riassigurazzjoni dovut fuq kuntratt ta' riskju speċifiku (jiġifieri kuntratt li jipproteġi kontra riskju/riskji speċifiku/speċifiċi), l-impriża waħedhom għandhom isegwu l-istadji li ġejjin:
- (a) Jiddeterminaw jekk ir-riskji speċifiċi li skattaw it-telf ta' darba f'200 sena għall-impriża waħedha humiex l-istess bħar-riskji speċifiċi li skattaw it-telf ta' darba f'200 sena fil-livell tal-grupp;
  - (b) Jekk ikun hemm xi koinċidenza, jistmaw l-irkupri tar-riassigurazzjoni dovuti lill-impriża waħedha fuq il-kuntratt tar-riassigurazzjoni tal-grupp.

**Taqsim VIII: L-Allokazzjoni ta' Poloz tal-Assigurazzjoni lil Gruppi tar-Riskju ta' Responsabbiltà għas-Submodulu tar-Riskju ta' Katastrofi ta' Responsabbiltà Magħmula mill-Bniedem**

**Linja Gwida 34 – Grupp tar-Riskju ta' Responsabbiltà 1**

- 1.64. Għall-grupp tar-riskju ta' responsabbiltà 1 imsemmi fl-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriża għandhom jinkludu l-poloż tal-assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' prattika ħażina li jipprovdu kopertura lil prattikanti professjonali minn pretensjonijiet ta' responsabbiltà potenzjali.
- 1.65. L-impriża għandhom jinkludu f'dan il-grupp tar-riskju firxa ta' prodotti tar-responsabbiltà li jinkludu:
- (a) Assigurazzjoni ta' responsabbiltà ta' prattiki ħżiena, inklużi prattikanti speċjalisti jew ġenerali, sptarijiet u fornituri oħrajn tal-kura tas-saħħa meta jgħorru responsabbiltà ta' prattiki ħżiena mediċi;
  - (b) Assigurazzjoni ta' żbalji u omissjonijiet (E&O) jew ta' indennizz professjonali jew poloż oħrajn ta' prattiki ħżiena professjonali fejn hemm partijiet terzi li lejhom il-persuna assicurata għandha obbligi ta' kura;
  - (c) Kopertura għan-nuqqas ta' twettiq u t-telf finanzjarju assoċjat li jirriżulta mis-servizzi pprovduti minn kumpanija;
  - (d) Kopertura għal ksur ta' garanzija jew proprjetà intellettuali;
  - (e) Kopertura għar-reponsabbiltà ta' kull ħsara fuq il-persuna jew ħsara fil-proprjetà (materjali jew fiżika) u l-assigurazzjoni tal-ispejjeż assoċjati tad-danni u tad-difiża li jirriżultaw minn żbalji jew negliġenza ta' professjonista fil-kors tal-attività tiegħu.

## **Linja Gwida 35 – Grupp tar-Riskju ta' Responsabbiltà 2**

- 1.66. Għall-grupp tar-riskju ta' responsabbiltà 2 imsemmi fl-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jinkludu l-poloż tar-responsabbiltà ta' impjegaturi li jipprovdu kopertura għal kwalunkwe responsabbiltà li tista' tiġi imposta fuq impjegatur f'każ li impjegat ikorri fil-kors tal-impjieg tiegħu.
- 1.67. L-impriżi għandhom jinkludu f'dan il-grupp tar-riskju obbligi li jkopru:
- (a) L-għoti ta' trattament jew kura medika preventiva jew kurattiva b'rabta ma' aċċident fuq ix-xogħol, korriment industrijali jew mard okkupazzjonali.
  - (b) Il-kumpens finanzjarju għal tali trattament;
  - (c) Il-kumpens finanzjarju għal aċċidenti fuq ix-xogħol, korriment industrijali jew mard okkupazzjonali.

## **Linja Gwida 36 – Grupp tar-Riskju ta' Responsabbiltà 3**

- 1.68. Għall-grupp tar-riskju ta' responsabbiltà 3 imsemmi fl-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jinkludu l-poloż tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà ta' diretturi u uffiċjali li tipprovdi kopertura għall-ispejjeż tar-responsabbiltà u tad-difiża lid-diretturi u l-uffiċjali ta' kumpanija, jew lill-organizzazzjoni(jiet) innifisha/infushom, f'każ li jsofru telf bħala riżultat ta' kawża legali għal allegati atti inġusti waqt li kienu qegħdin jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' diretturi u uffiċjali tal-organizzazzjoni, inkluża l-kopertura tal-ispejjeż tad-difiża li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet u/jew kawżi kriminali u regolatorji.
- 1.69. L-impriżi għandhom jinkludu f'dan il-grupp tar-riskju l-poloż tar-responsabbiltà amministrattiva u tar-responsabbiltà tal-prattika fl-impjieg.

## **Linja Gwida 37 – Grupp tar-Riskju ta' Responsabbiltà 4**

- 1.70. Għall-grupp tar-riskju ta' responsabbiltà 4 imsemmi fl-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jinkludu l-poloż li jkopru r-responsabbiltajiet kollha li jirriżultaw minn atti negliġenti u/jew omissjonijiet li jwasslu għal ħsara fiżika u/jew ħsara fil-proprjetà ta' partijiet terzi minbarra:
- (a) Dawk inklużi fir-responsabbiltà tal-vetturi u tar-riskju marittimu, tal-avjazzjoni u tat-trasport;
  - (b) Dawk inklużi fil-gruppi tar-riskju ta' responsabbiltà 1,2,3 u 5 tal-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni;
  - (c) Kopertura ta' responsabbiltà ta' partijiet terzi pprovduta lil sidien tad-djar individwali, individwi f'kapaċità privata (inkluż waqt il-kaċċa) u nies tas-sengħa li jaħdmu għal rashom jew 'artiġjani';
  - (d) Kopertura ta' responsabbiltà ta' partijiet terzi pprovduta fir-rigward ta' dannu jew korriment ikkawżat minn annimali domestiċi.

## **Linja Gwida 38 – Grupp tar-Riskju ta' Responsabbiltà 5**

- 1.71. Għall-grupp tar-riskju ta' responsabbiltà 5 imsemmi fl-Anness XI tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-impriżi għandhom jinkludu l-poloż ta' riassigurazzjoni mhux

proporzjonali għall-gruppi kollha tar-riskju ta' responsabbiltà ddefiniti f'dak l-Anness.

### **Linja Gwida 39 – Allokazzjoni u Separazzjoni**

- 1.72. Meta l-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni proporzjonali ta' responsabbiltà jinbigħu fuq bażi aggregata, inklużi koperturi li jaqgħu f'iktar minn wieħed mill-gruppi tar-riskju ta' hawn fuq, l-impriża għandhom jisseparaw u jallokaw il-primjums għal kull kopertura lill-aktar grupp tar-riskju adattat għal dik il-kopertura.
- 1.73. L-impriża għandhom ikunu kapaċi jipprovdu evidenza ta' sostenn u r-rationale għal tali allokazzjonijiet.
- 1.74. L-impriża għandhom japplikaw konsiderazzjonijiet ta' proporzjonalità meta japplikaw il-gwida dwar is-separazzjoni ta' hawn fuq.

### **Taqsim IX – Kunsiderazzjonijiet partikolari għall-kalkolu tal-grupp**

#### **Linja Gwida 40 – Tiqjis tar-riassigurazzjoni**

- 1.75. Fejn ir-riassigurazzjoni intragrupp tkun għall-benefiċċju ta' kwalunkwe waħda mir-riassigurazzjoni esterna ta' impriża, l-impriża parteċipi għandha 'tqis' ir-riassigurazzjoni interna fis-seħħ għall-finijiet tal-kalkolu tal-impatt tar-riassigurazzjoni esterna.

#### **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.76. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.77. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.78. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk humiex konformi jew humiex beħsiebhom ikunu konformi ma' dawn il-Linji Gwida, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn mill-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.79. Fin-nuqqas ta' rispons sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu nonkonformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

#### **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Rieżamijiet**

- 1.80. Il-Linja Gwida preżenti għandhom ikunu soġġetti għal rieżami mill-EIOPA.

## **Anness Tekniku I: kif jaħdmu l-approċċi tad-diżaggregazzjoni jew riaggregazzjoni**

Dan l-Anness jiddeskrivi kif għandha tiġi applikata t-Taqsima V u b'mod iktar ġenerali kif qed jaħdmu l-approċċi tad-diżaggregazzjoni/riaggregazzjoni sabiex jiġi applikat approċċ rilevanti u konsistenti għall-koperturi ta' riassigurazzjoni differenti fi ħdan is-submodulu ta' katastrofi mhux tal-ħajja. Qed jintwerew 2 metodi u l-impriża tkun teħtieġ tistabbilixxi liema minnhom huwa l-iktar adattat.

### **Il-prinċipju wara l-metodu 0:**

Waqt li tistma l-irkupri tar-riassigurazzjoni minn koperturi aggregati bl-użu ta' Metodu 0, l-impriża tapplika l-kopertura konġunta għar-riżultat minn kull submodulu b'mod separat u tiżgura li l-irkupri tar-riassigurazzjoni assunti jkunu fil-limiti tal-polza.

### **Il-prinċipju wara l-metodu 1:**

Waqt li jistmaw l-irkupri tar-riassigurazzjoni minn koperturi aggregati bl-użu ta' Metodu 1, l-impriża għandhom jidentifikaw l-aktar komponent granulari (jew l-iktar antenat bikri komuni) fil-flowchart tar-riskju ta' sottoskrizzjoni mhux tal-ħajja li jgħaqqad is-submoduli rilevanti.

- (a) Għal kopertura aggregata ta' protezzjoni kontra telf mir-riħ u s-silġ, dan il-komponent ikun Nat Cat;
- (b) Għal kopertura aggregata ta' protezzjoni kontra t-telf mir-riħ u mill-vetturi, dan il-komponent ikun NL Cat.

L-istadju li jmiss huwa li jinħadem it-telf diversifikat gross għal dan il-komponent jew antenat komuni u mbagħad wieħed jalloka lura għal komponenti iktar granulari sabiex japplika l-kopertura aggregata. Il-komponenti li jirriżultaw imbagħad jiġu kkombinati sabiex jiġi kkalkulat l-SCR<sub>NL cat</sub>.

### **1) Irwiefen – riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż(/reġjun) - ŻEE**

- (a) Ikkalkula t-telf diversifikat gross fil-livell taż-ŻEE waqt li tqis l-effetti tad-diversifikazzjoni bejn il-pajjiżi/reġjuni;
- (b) Alloka lura (diżaggregazzjoni skont LG7) għal-livell tal-pajjiż fi ħdan iż-ŻEE (il-pajjiż gross imma iż-ŻEE diversifikata);
- (c) Applika l-kopertura ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż għat-telf diversifikat gross tal-pajjiż taż-ŻEE;
- (d) Għodd flimkien il-komponenti diversifikati netti tal-pajjiż sabiex tikseb l-SCR<sub>riħ</sub> nett tal-kopertura ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż.

### **2) Irwiefen (ŻEE u mhux taż-ŻEE) – riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż/reġjun għaż-ŻEE u mhux għaż-ŻEE u l-kopertura aggregata ta' riassigurazzjoni (it-territorji kollha)**

- (a) L-istadji f'(1) għall-kopertura ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż fi ħdan iż-ŻEE;

- (b) L-istadji  $f'(1)$  għall-kopertura ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż mhux taż-ŻEE (tiġi sostituta mhux ŻEE għal ŻEE u LG8 flok LG7);
- (c) Ikkalkula t-telf diversifikat gross fil-livell ta' periklu ta' rwiefen (nett mill-koperturi ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż u filwaqt li jitqiesu l-effetti tad-diversifikazzjoni bejn iż-ŻEE u dawk li mhumiex taż-ŻEE);
- (d) Applika l-kopertura ta' riassigurazzjoni aggregata taż-ŻEE u mhux-ŻEE sabiex tikseb  $I-SCR_{riħ}$  nett (nett mill-koperturi ta' riassigurazzjoni kemm fil-livell tal-pajjiż kif ukoll fil-livell taż-ŻEE/mhux-ŻEE).

### **3) Irwiefen – riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż segwita minn riassigurazzjoni aggregata għall-Irwiefen u s-Silġ.**

Normalment ikun mistenni li l-metodu ta' hawn taħt jintuża għall-kopertura konġunta tar-riħ u s-silġ.

#### **Metodu 1**

- (a) Wettaq il-passi fi (2) (l-istadji  $f'(1)$  huma biżżejjed jekk ma jkunx hemm kopertura aggregata għaż-ŻEE/mhux-ŻEE) għall-irwiefen u għas-silġ b'mod separat ħalli tikseb  $I-SCR_{riħ}$  nett u  $I-SCR_{silġ}$  nett (nett tal-koperturi ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż);
- (b) Ikkalkula t-telf diversifikat fil-livell Nat Cat (nett tal-kopertura fil-livell tal-pajjiż waqt li tqis l-effetti tad-diversifikazzjoni bejn is-submoduli kollha Nat Cat minbarra tal-kopertura tar-riassigurazzjoni aggregata);
- (c) Alloka lura għas-submoduli tar-riħ u s-silġ (probabbilment Spread) sabiex tikseb  $SCR_{riħ}^*$  u  $SCR_{silġ}^*$  (nett tal-koperturi ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż imma diversifikati b'Nat Cat);
- (d) Applika l-kopertura ta' riassigurazzjoni aggregata għall- $SCR_{riħ}^*$  nett u  $SCR_{silġ}^*$  nett sabiex tikseb  $SCR_{rihsilġ}$  (nett tal-koperturi ta' riassigurazzjoni kemm fil-livell tal-pajjiż kif ukoll fil-livell aggregat tal-Irwiefen u s-silġ);
- (e) Għodd  $SCR_{rihsilġ}$  nett +  $SCR_{terrimot}$  nett +  $SCR_{għargħar}$  nett +  $SCR_{depożitar}$  nett sabiex tikseb  $I-SCR_{natcat}$  nett (nett tal-koperturi ta' riassigurazzjoni kemm fil-livell tal-pajjiż kif ukoll fil-livell aggregat tal-Irwiefen u s-silġ).

#### **Metodu 0 – (mhux mistenni li jintuża, imma deskrizzjoni tal-metodu tintwera hawn taħt:**

- (a) Imxi mal-istadji fi (2) għall-irwiefen u għas-silġ b'mod separat ħalli tikseb  $I-SCR_{riħ}$  nett u  $I-SCR_{silġ}$  nett;
- (b) Applika l-kopertura konġunta b'mod separat għas-submoduli tar-riħ u tas-silġ;
- (c) Iddiversifika s-submoduli kollha ta' katastrofi naturali sabiex tiġġenera  $I-SCR_{natcat}$  nett;
- (d) Iċċekkja li  $I-SCR_{natcat}$  nett ma jiġġenerax irkupri fuq il-kopertura ta' riassigurazzjoni konġunta li tkun ikbar mill-massimu permissibbli;
- (e) Jekk dan ikun il-każ, għandu jintuża l-metodu 1.

### **4) Riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż għall-irwiefen u speċifika għar-riskju ta' vettura, segwita minn Kopertura Aggregata rwiefen u vettura TPL.**

Kif diġà ntweraw hawn fuq, nistennew li jintuża l-metodu 1.

## Metodu 1

- (a) Stadji tal-Irwiefen fi (2) (l-istadji f'(1) huma biżżejjed jekk ma jkunx hemm kopertura aggregata għaż-ŻEE/mhux ŻEE) ħalli tikseb l- $SCR_{riħ}$  (nett tal-koperturi ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż);
- (b) Applika l-kopertura ta' riassigurazzjoni speċifika għall-Vetturi TPL sabiex tikseb  $SCR_{mutur}$  (nett tal-kopertura ta' riassigurazzjoni speċifika għar-riskju);
- (c) Ikkalkula t-telf diversifikat fil-livell  $SCR_{natcat}$  u  $SCR_{magħmul}$  mill-bniedem (nett tal-kopertura ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż fi Rwiefen u nett tal-kopertura ta' riassigurazzjoni speċifika għar-riskju ta' vettura TPL) billi tuża riżultati minn submoduli oħrajn ta'  $SCR_{natcat}$  u  $SCR_{magħmul}$  mill-bniedem;
- (d) Ikkalkula t-telf diversifikat fil-livell ta'  $SCR_{cat}$  waqt li tqis l-effetti tad-diversifikazzjoni bejn  $SCR_{natcat}$  u  $SCR_{magħmul}$  mill-bniedem (netti tal-koperturi ta' riassigurazzjoni fil-livell tal-pajjiż u mill-kopertura ta' riassigurazzjoni speċifika għar-riskju ta' vettura imma gross tal-kopertura ta' riassigurazzjoni aggregata tal-irwiefen u vettura) u alloka lura (diżaggregazzjoni bil-metodu Spread) għal  $SCR_{natcat}^*$  u  $SCR_{magħmul}$  mill-bniedem\* u lura mill-ġdid għal  $SCR_{riħ}^*$  u  $SCR_{mutur}^*$  (nett tar-riassigurazzjoni speċifika għall-Irwiefen u vettura TPL fil-livell tal-pajjiż imma diversifikat b' $SCR_{cat}$ );
- (e) Applika l-kopertura ta' riassigurazzjoni aggregata tal-irwiefen u vettura TPL sabiex tikseb  $SCR_{riħmutur}$  nett;
- (f)  $SCR_{cat}$  (wara il-kopertura aggregata) =  $SCR_{cat}$  (qabel il-kopertura aggregata) -  $SCR_{riħ}$  -  $SCR_{mutur}$  + nett  $SCR_{riħmutur}$  (wara l-kopertura aggregata) •

## Mistoqsijiet għall-konsultazzjoni

Minbarra li tipprovdi kummenti dwar kull Linja Gwida, l-EIOPA tixtieq li tifhem:

M1: L-eżempji għat-twettiq tar-riaggregazzjoni huma ċari biżżejjed?

M2: Hemm xi suġġetti oħrajn li ma ġewx koperti mil-Linji Gwida li dwarhom l-impriżi jixtiequ gwida?

M3: Il-Linji Gwida nfushom huma ċari biżżejjed u, jekk le, l-impriżi fejn jixtiequ li jkun hemm iktar ċarezza?